# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 17**
**Rikors numru 638/2013/1 SM**

**Anika Psaila Savona**
***v.***
***CHI Limited* (C-26080)**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qortri Ċivili li ċaħdet talba tagħha għal kumpens għad-danni li tgħid li ġarrbet meta s-soċjetà konvenuta mxiet magħha b'mod diskiminatorju bi ksur tal-art. 4 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa ["Kap. 456"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Wara li l-attriċi kienet għamlet xi żmien impjegata *full time* mas-soċjetà konvenuta, fis-26 ta' Lulju 2007 sar kuntratt ġdid bejn il-partijiet li bis-saħħa ta' dan il-kuntratt ftiehmu li l-attriċi kellha titħallas salarju fiss talli

tagħti ħamsa u għoxrin (25) siegħa servizz lill-konvenuta, b'dan li kellha wkoll titħallas b'rata mitiehma għal sigħat aktar li kienet taħdem.

3. Fl-1 ta' Ottubru 2009 il-konvenuta offriet lill-attriċi kuntratt ġdid biex tinġaġġaha bħala *part timer* b'kondizzjonijiet differenti minn dawk tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007. Waqt li l-partijiet kienu qegħdin jinnegozjaw dwar il-kondizzjonijiet tal-ingaġġ, l-attriċi fil-5 ta' Novembru 2009 għarrfet lill-uffiċjal esekuttiv ewlieni tas-soċjetà konvenuta illi kienet qiegħda tistenna tarbija. L-attriċi tgħid illi f'dak il-waqt il-konvenuta unilateralment waqqfet id-diskussjonijiet u, fl-10 ta' Diċembru 2009, ippreżentatilha abbozz "mhux negozjabbli" ta' kuntratt għal ingaġġ *part time* li ma kienx jaħseb għal ħlas għal sigħat ta' xogħol wara s-sigħat ta' xogħol *part time*.

4. Fit-18 ta' Diċembru 2009 l-attriċi irrifjutat il-proposta u baqgħet tagħti servizz lill-konvenuta bil-kondizzjonijiet tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007.

5. L-attriċi tgħid ukoll illi, wara li l-konvenuta ħassret żewġ appuntamenti għal laqgħat bejn l-attriċi u funzjonarji għolja tas-soċjetà, fit-8 ta' Jannar 2010 l-uffiċjal esekuttiv ewlieni tal-konvenuta temm l-ingaġġ tagħha mas-soċjetà.

6. Billi dehrilha li din kienet imġieba diskriminatorja lejha talli kienet qiegħda tistenna li trabbi familja, u għalhekk bi ksur tal-art. 4 tal-Kap. 456, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti (i) tiddikjara li bl-imġieba tas-soċjetà konvenuta hija ġarrbet diskriminazzjoni bi ksur tal-art. tal-Kap. 456; (ii) tillikwida d-danni li ġarrbet minħabba f'hekk; u (iii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż.

7. Il-konvenuta ressqet eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* billi bejn il-partijiet hemm mexjin proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali iżda din l-eċċezzjoni l-konvenuta rrinunzjat għaliha fil-25 ta' Marzu 2015. Ressqet ukoll eċċezzjonijiet fil-meritu: illi mhux minnu li mxiet b'mod diskriminatorju mal-attriċi; illi l-attriċi ma kinitx impjegata magħha iżda, bis-saħħa tal-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007 (li kellu jintemm fl-aħħar ta' Lulju 2010), kienet ingaġġata bħala konsulent; u illi kienet l-attriċi li ma aċċettatx il-"politika ta' impjieg" imħaddma mill-konvenuta.

8. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-meritu u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fis-sentenza appellata fissrithom hekk:

> »Is-soċjetà intimata toġġezzjona li r-rikorrenti għandha titqies bħala impjegata *stante* li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet naxxenti biss mill-kuntratt datat is-26 ta' Lulju 2007, fejn ir-rikorrenti hi espressament u konsistentement indikata bħala "*consultant*".
>
> »Min-naħa tagħha r-rikorrenti temfasizza li kienet impjegata tas-soċjetà intimata għalkemm issosstni fl-istess waqt li "… din il-konsiderazzjoni mhiex importanti għall-kwistjoni li tinsab quddiem din il-qorti".
>
> »F'dan l-istadju ssir referenza għall-Kap. 456 … li fuqu jirriżulta li hi bbażata t-talba ewlenija tar-rikorrenti. Fl-artiklu rigwardanti t-"tifsir" li għandu jingħata lil ċerti kliem hemm elenkati, l-artiklu 2 tal-istess jistabbilixxi li l-kelma "impieg" "… tfisser kull attività bi qligħ …".
>
> »*Stante* li r-rikorrenti tirriżulta mill-iskrittura privata datata is-26 ta' Lulju 2007 li kienet ġiet ingaġġata bħala konsulent b'salarju annwu indikat fil-klawsola numru erbgħa tal-istess, allura għandu jkun paċifiku li l-attività professjonali li r-rikorrenti kienet tippresta lis-soċjetà intimata kienet tinkwadra taħt attività lavorattiva salarjata u tikkwalifika bħala "impjieg" kif definit fil-Kap 456 fuq riferit.
>
> »Fir-rigward ta' diskriminazzjoni allegata l-artiklu 4 tal-istess Kap. jistabbilixxi s-segwenti:
>
>> »"(1) Prinċipali ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, kontra persuna fl-arranġamenti li jsiru biex jiġi stabbilit jew meta jkun qed jiġi stabbilit min għandu jiġi offrut impjieg jew fil-pattijiet u kondizzjonijiet li l-impjieg jiġi offrut abbażi tagħhom jew fid-deċiżjoni dwar min għandu jkun imkeċċi mix-xogħol."
>
> »Fir-rigward ta' proċedimenti ċivili bħal dak in diżamina, l-artiklu 19 tal-istess Kap. 456 jirregola l-oneru tal-prova u jistipula s-segwenti:

> »"(2) Fi proċedimenti taht is-subartiklu (1) u f'kull proċedimenti oħra li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem awtorità kompetenti li ma tkunx Qorti imsemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin għaliex il-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti, jew quddiem dik l-awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minħabba fis-sess, jew minħabba responsabbilitajiet li ġġib il-familja tagħhom, għandu jkun il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu inġiebu dawk il-proċedimenti li jgibu prova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali jew li dak it-trattament inqas favorevoli kien gustifkat skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-att …"

»Fid-dawl tas-suespost għandu allura jkun paċifiku li l-oneru tal-prova f'dawn il-proċeduri delikati jinqasam f'żewġ (2) strati, fejn min qed jallega d-diskriminazzjoni jrid jistabbilixxi li fil-konfront tiegħu saru fatti li minnhom jista' jiġi deżunt trattament diskriminatorju minħabba sess jew responsabbilitajiet li ġġib il-familja. Stabbiliti dawn il-fatti, ikun inkombenti fuq min ikollu jwieġeb għal dan – f'dan il-każ is-soċjetà intimata – li effettivament, *nonostante* l-allegazzjonijiet vantati fil-konfront tiegħu, jipprova li fil-fatt ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali jew anqas favorevoli fir-rigward.

»Ovvjament tali analiżi hu wieħed mhux biss delikat iżda wkoll sensittiv li jimmerita attenzjoni speċifika.

»Fir-rigward tal-artiklu 19 in diżamina jingħad sintetikament is-segwenti:

»Il-Kap. 456 jirriżulta li ġie promulgat fid-9 ta' Diċembru 2003. L-artiklu 19 tal-istess Kap. jirriżulta li ġie emendat permezz tal-Att XVIII tal-2014. Il-proċedura odjerna ġiet intavolata fit-28 ta' Ġunju 2013. Għalhekk għandu jkun paċifiku li l-proċedura odjerna hi anterjuri għall-emenda *de quo*.

»Fid-dawl tas-suespost issir referenza għall-insenjament ta' Pacifici Mazzoni (*Istituzioni*, Vol. I para. 66 p.157):

> »"le leggi di procedura, regolando la forma dei giudizi, si applicano immediatamente anche alle azioni dipendenti da diritti acquistati anteriormente, non solo nei giudizi che si promuoveranno dopo l'attuazione di dette leggi, ma anche a quelli che allo stesso momento si trovino già in corso".

»Għaldaqstant, *in vista* tal-premess, minkejja li jirriżulta li l-artiklu 19 in diżamina kif emendat daħal fis-seħħ wara li ġiet istitwita l-proċedura *de quo*, għandu xorta waħda japplika għall-proċedura odjerna *stante* li jistipula regola proċedurali.

»Il-partijiet it-tnejn jaqblu fuq il-fatt li l-ingaġġ tar-rikorrenti bħala konsulent tas-soċjetà intimata kien itterminat; dak li ma jaqblux fuqu hu r-raġuni għal tali terminazzjoni, bir-rikorrenti ssosstni li r-raġuni għal dan kienet diskriminatorja minħabba s-sess tagħha jew minħabba responsabbilitajiet li ġġib magħha l-familja; bis-soċjetà intimata ssosstni li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward, u r-raġuni għal din it-terminazzjoni kienet ibbażata fuq ragunijiet t'inkompatibilità karatterjali u prattiċi li jmorru kontra l-*ethos* azjendali.

»Skont l-imsemmi Potter [l-uffiċjal esekuttiv ewlieni], iċ-*chairman* tal-grupp *Corinthia* ma jirriżultax li kien involut fid-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti; kull ma jirriżulta involut dan iċ-*chairman* hu li waqt festin natalizju tal-grupp ir-rikorrenti jirriżulta li avvinċinatu biex tkellmu, u dan ma jirriżultax li ha wisq pjaċir bl-istess avviċinament u għadda l-kwistjoni lis-subalterni tiegħu. L-istess *chairman* bil-ġurament tiegħu isostni wkoll li hu ma kien ta l-ebda struzzjonijiet biex jiġi terminat l-impjieg tar-rikorrenti.

»Minn eżami akkurat tar-riżultanzi *in atti* għalkemm l-allegazzjoni tar-rikorrenti tirriżulta fattwalment elaborata u loġikament strutturata però ma tirriżultax indipendentement ikkorroborata u allura l-ewwel kweżit tal-artiklu 19 tal-Kap. 456 ma jirriżultax sodisfatt.

»*Di più*, hi l-fehma ta' din il-qorti li min-naħa tagħha s-soċjetà intimata issodisfat l-oneru tagħha naxxenti mill-istess artiklu 19 in diżamina billi ipprovat għas-sodisfazzjon tal-qorti li fl-aġir tagħha in diżamina ma jirriżultax li kien hemm id-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti: ma jirriżultax, mill-atti kif fuq sintetikament elenkati, li l-animu wara d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata kien li tkun volutament diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrenti minżabba l-istat ta' maternità li kienet fih f'dak il-perjodu partikolari.

»Inzerta li f'dak il-perjodu jirriżulta li kien hemm ukoll diversi fatturi oħra li kien qed ikollhom effett indirett fis-sitwazzjoni kif kienet qed tiżviluppa bejn il-partijiet, fosthom:

»1. it-terminazzjoni imminenti tat-terminu kontrattwali kif stipulat fil-klawsola numru 3 tal-iskrittura privata tas-26 ta' Lulju 2007;

»2. in-negozjar tal-kundizzjonijiet ġodda għall-impjieg tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata;

»3. il-fatt li ftit taż-żmien qabel ir-rikorrenti kienet kostretta tnaqqas mis-servizzi tagħha fl-istess soċjetà intimata minħabba raġunijiet serji familjari;

»4. l-atitudini [*recte*, atteġġjament] relazzjonali tar-rikorrenti mal-kollegi tagħha fuq ix-xogħol, fejn l-aġġettivi użati minn rappreżentant tas-soċjetà intimata fuq riferit ma jirriżultawx li huma … lużingjieri fil-konfront tagħha.

»Jirriżulta paċifiku li dawn il-fatturi lkoll ikkontribwew biex weħidhom joħolqu l-konvinċiment tas-soċjetà intimata li tipproċedi bil-mod hawn in diżamina fil-konfront tar-rikorrenti.

»Għalhekk ma jirriżultax li r-rikorrenti ipprovat l-allegazzjoni tagħha li l-motivazzjoni wara tali deċiżjoni tas-soċjetà rikorrenti kienet waħda diskriminatorja fit-termini tal-Kap. 456 fuq riferit, għaliex inzerta li f'dak il-perjodu r-rikorrenti kienet fi stat ta' maternità.

»Jirrizulta li f'waqt minnhom il-partijiet kienu qegħdin ukoll jinnegozjaw arranġament li fih ir-rikorrenti kienet tottjeni aktar flessibilità fix-xogħol tagħha mas-soċjetà intimata. Fost il-possibilitajiet esplorati f'dawn in-negozjati jirriżulta li kien anke propost li r-rikorrenti tiġi impjegata bħala konsulent legali *full time* tas-soċjetà pubblika *International Hotels Investments p.l.c.* Però jirrizulta li l-istess rikorrenti irrifjutat din l-offerta u indikat li kienet lesta tirriżenja mill-impjieg tagħha minn mas-soċjetà matriċi *Corinthia Palace Hotel Company Limited*.

»Jirriżulta li r-rikorrenti ma aċċettatx din l-offerta lilha hekk offruta.

»Jirriżulta minn *memorandum* datat l-10 ta' Diċembru 2009, mibgħut mill-uffiċjal ewlieni u *managing director* tas-soċjetà *CHI Hotels & Resorts Limited*, li dan kien kiteb hekk lir-rikorrenti:

> »"In relation to you informing us on the 5th of November 2009 of your pregnancy and if you wish to remain on your consultancy agreement, we will be pleased to agree your absenteeism from responsibilities to attend the office and would be pleased to discuss this with you in terms of the detail as you wish and as appropriate.
>
> »"During your absence from the office, CHI is pleased to confirm that we will make an *ex gratia* discretionary payment on the basis should you decide to continue with your present consultancy agreement."

»Għalkemm jista' jagħti l-kaz li n-negozjati kienu rigorużi, mis-su-espost ma jistax jiġi deżunt li s-soċjetà intimata itterminat il-ftehim ta' konsulenza li r-rikorrenti kellha magħha minhabba l-maternità tar-rikorrenti. *Se mai*, jirrizulta li proprju minħabba l-maternità s-soċjetà intimata kienet qed taċċetta unilateralment li r-rikorrenti tkun għalhekk assenti minn xogħolha u li kienet lesta wkoll li tinnegozja pakkett mar-rikorrenti fir-rigward ta' dan l-iżvilupp sabiħ tal-maternità anke billi teffetwa pagament *ex gratia*.

»Għandu jigi sottolineat li *ai termini* tal-klawsola numru 3 tal-kuntratt t'impjieg datat is-26 ta' Lulju 2007 l-ingaġġ temporanju u għal żmien determinat skada fil-31 ta' Lulju 2010. *Nonostante* l-iskadenza preċiza pattwita, l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat minflok fit-8 ta' Jannar 2010.

»Fil-*proviso* annessa mal-istess klawsola numru 3 indikata aktar qabel, jirriżulta wkoll li l-partijiet tal-istess kuntratt t'impjieg qablu wkoll fuq is-segwenti:

> »"Provided furthermore that the parties are hereby agreeing that the Company will be free to terminate this agreement at any time by giving to the Consultant three (3) months notice in writing to this effect, without incurring any liability whatsoever, whilst the Consultant will be free to terminate this Agreement at any time by giving to the Company one (1) month's notice in writing to this effect, without incurring any liability whatsoever".

»Minn eżami tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti jirriżulta li l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg intbagħtet lir-rikorrenti fit-8 ta' Jannar 2010 meta l-kuntratt t'impjieg għall-perjodu determinat kien ġà skada fil-31 ta' Lulju 2009[1], u konsegwentement dan allura jissodisfa pjenament it-terminu hemm impost.

»Ittra elettronika interna datata t-23 ta' Diċembru 2009 mibgħuta minn Tony Potter lil Simon Naudi, uffiċċjal ezekuttiv ewlieni konġunt, titfa' dawl ulterjuri fuq il-vertenza in diżamina billi tagħti sunt tas-sitwazzjoni kif kienet żviluppat sa dak il-mument:

»1. illi r-relazzjoni mar-rikorrenti kellha diffikultajiet sa mill-bidu nett;

---

[1] Il-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2007 kien jorbot għal tliet snin mill-1 ta' Awissu 2007 u għalhekk skada fil-31 ta' Lulju 2010 mhux 2009 kif jinħgad erronjament fis-sentenza appellata.

»2. illi l-affarijiet fir-rigward ma kinux ser jinbidlu;

»3. illi fir-relazzjonijiet tagħhom mar-rikorrenti, Joe Fenech u forsi ohrajn kienu ilhom isofru;

»4. illi l-avukat Vella kien irrediġa ftehim li għin biex jiġu sorvolati diversi diffikultajiet, liema ftehim ta' konsulenza kien ġie regolarment iffirmat;

»5. illi r-rikorrenti kienet informata li maż-żmien kienet żgur tiġi ikkunsidrata l-possibilità li jiġi redatt kuntratt t'impjieg regolari kif kienet tixtieq hi;

»6. illi fuq insistenza tal-istess rikorrenti kien eventwalment prodott dan il-kuntratt t'impjieg;

»7. illi wara negozjati assidwi jirriżulta li r-rikorrenti irrifjutat li tiffirma dan il-kuntratt t'impjieg *stante* li ma kienx ġie redatt skont ix-xewqat tagħha;

»8. illi però kieku dawn ix-xewqat tagħha kienu ġew milqugħa l-kuntratt tagħha kien ikun wieħed uniku li ħadd aktar fil-grupp ma kien ikollu benefiċċji daqsha u lanqas kienu pratikati f'kumpanniji oħra.

»Minn analiżi tal-istess minn imkien ma jirriżulta li l-maternità tar-rikorrenti tiffigura bħala raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mas-soċjetà intimata. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-possibilità li t-terminazzjoni tal-impjieg in diżamina seħħ minħabba r-responsabbilitajiet li ġġib magħha l-familja.

»In effetti minn eżami tan-negozjati fuq riferit wieħed xorta jista' faċilment jinterpreta l-iżvilupp riskontrat bil-mod propost mir-rikorrenti però jiġi immedjatament ribadit li l-prova oġġettiva fir-rigward mhix riskontrata, u għalhekk jonqos ir-rekwiżit rikjest mill-artiklu 19(2) tal-Kap. 456 fuq riferit.

»Għalhekk, għalkemm ir-rikorrenti setgħet leġittimament iffurmat perċezzjoni differenti tar-realtà kif kienet qed tiżviluppa, u dan minħabba l-maternità u minħabba l-perjodu sentimentalment iebes li kienet preċedentement għaddiet minnu minħabba d-dipartita tal-mamà tagħha, però dawn iż-żewġ ċirkostanzi ta' sess u responsabbilità familjari ma jrriżultawx li iffiguraw fl-analiżi tal-fatti kif epurat mis-soċjetà intimata.

»Għalhekk, minn eżami akkurat tar-riżultanzi ippreżentati *in atti*, jirriżulta assodat li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' konsulenza tar-rikorrenti kif riflessa anke mill-ittra elettronika fuq kienet għaliex is-soċjetà intimata ma riditx tikkonkludi ftehim t'impjieg għal perjodu indeterminat kif xtaqet l-istess rikorrenti minħabba l-fatt li r-rikorrenti kienet qed tinsisti li tingħata benefiċċji tali li s-soċjetà intimata ma kienet tikkonċedi li ħadd mill-impjegati tagħha u lanqas jingħataw minn azjendi oħra simili lill-ogħla impjegati tagħhom.

»Għalhekk għandu jkun paċifiku li l-motivazzjonijiet wara t-terminazzjoni tal-impjieg in diżamina huma ferm differenti minn dawk l-allegazzjonijiet postulati mir-rikorrenti, liema allegazzjonijiet ir-rikorrenti ma tirriżultax li ppreżentat id-debita prova tal-eżistenza tagħhom.

»Għandu finalment jiġi sottolineat ukoll li għalkemm skont il-kuntratt datat is-26 ta' Lulju 2007 is-soċjetà intimata kienet tenuta li tagħti lir-rikorrenti avviż bil-miktub ta' tliet (3) xhur biex tittermina l-istess

kuntratt, jirriżulta li, minflok, l-istess soċjetà għażlet li tħallas lir-rikorrenti l-ammont indikat fl-istess ittra ta' terminazzjoni.

»*In vista* tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx il-każ tagħha skont il-liġi, u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti, takkolji r-risposti kollha tas-soċjetà intimata; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.«

9. L-attriċi appellat b'rikors tat-23 ta' Diċembru 2016 li għalih is-soċjetà konvenuta wieġbet fis-16 ta' Jannar 2017. L-attriċi fissret l-aggravju tagħha hekk:

»L-aggravju tal-appellanti hi s-segwenti, *cioè* illi l-onor. qorti injorat għal kollox il-punt kardinali li ġie muri waqt is-smiegħ, *cioè* illi biex [*sc.* jiġi terminat l-ingaġġ ta'] mara ingaġġata fix-xogħol (jekk hux impjieg jew le mhuwiex materjali) irid ikun hemm raġunijiet li ma humiex konnessi mal-istat ta' tqala tal-istess mara u / jew mal-ġeneru tagħha u l-oneru tal-prova jaqa' pjenament fuq il-prinċipal biex juri illi ma kienx hemm ksur ta' dan il-prinċipju.

»Fil-qosor, il-prinċipji rilevanti huma illi ma hemmx distinzjoni bejn impjieg u ingaġġ; l-importanti hu li hemm relazzjoni ta' xogħol, illi terminazzjoni ta' ingaġġ waqt tqala tikkreja preżunzjoni illi tali terminazzjoni seħħet minħabba l-gravidanza u illi tali preżunzjoni tqajjem oneru ta' prova fuq l-intimati (ilium appellati) biex juru inekwivokabilment u materjalment illi l-preżunzjoni tista' tiġi ribattuta.

»Fil-każ odjern hu ċar illi kien hemm relazzjoni ta' xogħol (anzi, jista' jingħad ta' impjieg *stante* l-fattispeċie tal-każ, per eżempju anke biex tassenti ruħha l-appellanti kellha titlob permess), u illi t-terminazzjoni seħħet waqt il-gravidanza. Hu fuq il-kwistjoni dwar jekk l-oneru inkombenti fuq l-appellati ġiex sodisfatt minnhom illi fl-aħħar mill-aħħar dan il-każ jippernja, u hi l-fehma tal-appellanti illi hu hawn fejn l-ewwel onor. qorti naqset u għalhekk dan l-appell kellu jsir.

»… … …

»Għandu jingħad fl-ewwel lok illi l-i*status* tal-appellanti hu kopert mill-Kap. 456 (Att Dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa), li jipprovdi illi :

> »"'impieg' tfisser kull attività bi qligħ inkluż li l-persuna taħdem għal rasha ... *omissis* ..."

»Għalhekk il-protezzjonijiet favur nisa tqal li huma applikabbli *ai termini* ta' art. 4 tal-Kap. 456 u japplikaw, irrispettivament mill-i*status* ta' 'impjieg' definit b' mod ristrett, kif ġej:

> »"Prinċipali ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indiretta-ment, kontra persuna fl-arranġamenti li jsiru biex jiġi stabbilit jew meta jkun qed jiġi stabbilit min għandu jiġi offrut impieg jew fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-impieg jiġi offrut abbażi tagħhom jew fid-deċiżjoni dwar min għandu jkun imkeċċi mix-xogħol."

»*Inoltre*, l-appellanti argumentat illi l-protezzjonijiet tal-liġi japplikaw għaliha peress illi hi kienet "ħaddiem" fis-sens rikjest f'Danosa *v. LKB* (EUECJ C232/09 11 November 2010) (minn hawn 'l isfel "Danosa").

«F'dan il-każ il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kienet qieset illi l-kunċett ta' "ħaddiem" jew "*worker*" ma jistax jiġi interpretat b'mod differenti skond il-liġijiet tal-pajjiżi differenti, iżda trid tkun definita b'referenza għal kriterji oġġettivi.

»L-argument tal-appellatl li Danosa ma tapplikax mhuwiex sostenibbli peress illi l-prinċipji japplikaw irrespettivament mill-fatt illi Danosa kienet direttur, qisu dan l-i*status* hu rilevanti għall-każ.

»It-*test* essenzjali hu jekk il-persuna kkonċernata kenitx, għal perjodu ta' żmien, tagħti servizzi għal u skond id-direzzjoni ta' persuna oħra għal remunerazzjoni. Jekk dan ikun fl-affermattiv, in-natura tar-relazzjoni ma jkollhiex impatt fuq il-protezzjonijiet legali applikabbli u għalhekk il-kategorizzazzjoni ta' persuna bħala persuna *self-employed* skond il-liġi nazzjonali ma tistax teskludi illi tali persuna għandha tiġi meqjusa bhala "ħaddiem" għall-finijiet tad-Direttiva 92/85 (*Pregnant Workers Directive*).

»Hu ċar illi fix-xogħol tagħha mal-appellati l-appellanti kienet tissodisfa r-rekwiżit ta' Danosa illi kienet tagħti servizz kontra remunerazzjoni fuq id-direzzjoni jew skond l-esiġenzi tal-appellati. L-appellanti bl-ebda *stretch of the imagination* ma tista' titqies fl-istess keffa bħala persuna li ma kenitx materjalment dipendenti għall-għejxien tagħha fuq l-ingaġġ tagħha mal-appellati.

»Għalhekk hi l-pożizzjoni tal-appellanti illi r-relazzjoni tagħha mal-appellati hi protetta mid-Direttiva hawn fuq imsemmija, kif applikata fid-dritt nostran, li ma tagħti ebda kont għal jekk min jingaġġa kienx informat formalment illi l-persuna kkonċemata kenitx tqila.

»Kif ikkonfermat f'Danosa, anke jekk sempliċement l-appellati kienu jafu informalment illi l-appellanti kienet tqila, il-protezzjonijiet japplikaw u hi l-pożizzjoni tal-appellanti illi uffiċjali fl-ogħla pożizzjonijiet, *cioè* Tony Potter (*chief executive officer*) u Alfred Pisani (*chairman* u *CEO* tal-grupp *Corinthia*) kienu ben tajjeb konoxxenti tas-sitwazzjoni tagħha, tant illi Potter irrikonoxxa dan bil-miktub.

»Fi kwalunkwe każ, mhuwiex tenibbli illi l-appellati ma kinux jafu bit-tqala, meta l-appellanti kellha sitt xhur tqala meta tkeċċiet.

»Il-każ Danosa jiffoka fuq il-*Pregnant Workers Directive*, li l-għan prinċipali tiegħu hu illi jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema tqal, kif kienet l-appellanti.

»*Inoltre*, l-art. 10 jipprovdi illi:

> »"1. Member States shall take the necessary measures to prohibit the dismissal of workers ... during the period from the beginning of their pregnancy to the end of the maternity leave referred to in Article 8 (1) …"

»Hu importanti li jiġi sottolinejat illi l-protezzjonijiet applikabbli lill-appellanti taħt il-liġi Ewropea, ovvjament vinkolanti fuq l-qrati tagħna, hi aktar wiesgħa u aktar inekwivoka minn dak li hemm fil-liġijiet ta' Malta, fejn l-estensjoni ta' protezzjoni għal "ħaddiema" kif distinti minn "impjegati" mhijiex għat kollox ċara, ħlief illi hu ċar fil-Kap. 456 illi ma hemmx distinzjoni rilevanti u għalhekk l-art. 4 tal-istess Kap. japplika.

»Hu assjomatiku illi l-qrati tagħna huma obbligati jagħtu effett għall-obbligazzjonijiet tal-pajjiż, speċjalment fil-kamp ta' protezzjoni tal-individwu kif stabbiliti mit-trattati u mid-Direttivi Ewropej u għalhekk

għandha tingħata konsiderazzjoni għall-prinċipji ta' protezzjoni u mhux għad-dettal ta' kif gew trasposti d-Direttivi, li fi kwalunkwe każ fl-umli fehma tal-appellanti huma adegwatament mogħtija effett, apparti l-prinċipju ta' *direct application* li għandu dejjem jinżamm fl-isfond.

»Għandu jiġi nnotat illi, kif tgħid l-appellanti, is-servizzi tagħha ġew itterminati meta kellha sitt xhur tqala u biss ġimagħtejn wara s-Sur Alfred Pisani kien lissnilha l-ħsieb tiegħu illi bit-tarbija li kien ser ikollha ma kenitx ser tkun fi stat li tagħti prijorità lix-xogħol tagħha. Importanti hawn illi wieħed jiftakar illi l-appellanti kienet iġġuramentat *affidavit* fiż-żmien materjali, eżatt wara din il-konverżazzjoni ma' Pisani, li jidher ma ngħata ebda piż mill-ewwel onor. qorti, liema *affidavit* għandu jkollu aktar piż minn dak li seta' jiftakar jew jixhed dwaru Alfred Pisani snin wara.

»Trid issir referenza għad-Direttiva msejjha *Recast Directive (2006/54/ EC)* (qabel *Equal Treatment Directive).*

»Il-preambolu tar-*Recast* Direcctive igħid illi:

> »"It is clear from the case-law of the Court of Justice that unfavourable treatment of a woman related to pregnancy or maternity constitutes direct discrimination on grounds of sex. Such treatment should therefore be expressly covered by this Directive.
>
> »"The Court of Justice has consistently recognised the legitimacy, as regards the principle of equal treatment, of protecting a woman's biological condition during pregnancy and maternity and of introducing maternity protection measures as a means to achieve substantive equality. This Directive should therefore be without prejudice to Council Directive 92/75 [Pregnant Workers Directive]". (Paragraphs 23 and 24)."

»In-ness bejn it-tqala tal-appellanti u t-terminazzjoni tal-ingaġġ fl-umli fehma tal-appellanti hu muri ċar. Apparti dak indikat hawn fuq dwar it-*timeline* hu fatt illi l-appellati, bi ksur tal-obbligi kif definiti f'art. 10.2 tat-*Pregnant Workers Directive* u wkoll f'Danosa, qatt ma tawha raġuni bil-miktub għat-temm ta' ingaġġ u għalhekk, neċċessarjament u inek-wivokabilment, irid ikun preżunt illi ma kienx hemm raġuni valida għat-terminazzjoni u, anke fuq din il-bażi biss, l-appellati għandhom jinstabu fi ksur tal-obbligi tagħhom versu l-appellanti.

»Art. 10.2 imsemmi jgħid hekk:

> »"If a worker within the meaning of Article 2 is dismissed during the period referred to in point 1, the employer must cite duly substantiated grounds for her dismissal in writing."

»Hu ċar illi l-appellati waslu fi stat illi l-uniku difiża tagħhom hi li jipprovaw juru illi kellhom raġuni tajba u suffiċjenti biex ikeċċu lill-appellanti. Dan hu ċar minn brani minn ċerti *affidavits* eżibiti mill-appellati, inċidentalment ilkoll ta' nies dipendenti ftit jew wisq fuq l-appellati, kif ukoll ix-xiehda sintomatika tal-Av. J.J. Vella, li donnu wasal anke biex jiftaħar illi kien hu li ddeċieda li l-appellanti għandha titkeċċa, li bħala fatt seħħ waqt it-tqala tagħha.

»Hu ċar ukoll illi mhuwiex realistiku illi wieħed jippretendi illi l-appell-anti, fil-proċess quddiem l-ewwel onor. qorti, tkun f'pożizzjoni li tip-produċi evidenza korroborattiva dwar l-intenzjoni tal-appellati li jkeċċuha għax kienet tqila. Apparti kollox, hu minn ewl id-dinja illi ħadd

ma jkun stupidu biżżejjed illi jikkreja xi *paper trail* ta' *emails* jew konverżazzjonijiet "inkriminanti" biex iġib lilu nnifsu f'pożizzjoni li hemm prova illi t-tkeċċija seħħet minħabba t-tqala u għalhekk il-prova korroborattiva qajla tista' tinġab minn min isofri l-konsegwenzi ta' aġir diskriminatorju.

»Hu preċiżament għalhekk illi l-liġi titlob illi għandu jkun l-appellati li jġibu l-prova kontra u waħda minn dawn il-provi, anzi l-prova fonda-mentalment essenzjali hi illi fil-ħin materjali, *cioè* eżattament qabel it-tkeċċija, l-individwu kkonċernat ikun rinfaċċjat bil-lanjanzi rilevanti u dan bil-miktub biex ma jkunx hemm ekwivoku.

»Fil-każ odjern, ma ġara xejn minn dan, anzi, l-appellati kienu jidhru ħerqana li jżommu lill-appellanti fl-impjieg tagħhom, tant illi diskuss-jonijiet kienu għaddejjin f'dan ir-rigward.

»Hu rilevanti hawn illi jissemma' l-fatt illi l-ewwel onor. qorti fis-sentenza kontinwament tiċċita l-artikolu 19 skond il-verżjoni emendata fl-2014, però dana mhuwiex għal kollox korrett peress illi l-leżjoni ta' dritt allegat mill-appellanti sar qabel l-emenda fil-liġi u l-istat ta' dritt kien dak li seħħ f'dak iż-żmien.

»L-artikolu 19 qabel l-emendi kien jaqra hekk:

> »"**19**. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kull min jallega li persuna tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontra l-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi.
>
> »"(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) ikun biżżejjed li l-attur iġib jew iġġib prova ta' trattament b'mod anqas favorevoli minħabba fis-sess tiegħu jew tagħha jew minħabba respons-abbiltajiet li ġġib il-familja u l-oneru jkun fuq il-konvenut li jġib jew iġġib prova li dak it-trattament anqas favorevoli kien ġustifikat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."

»Għalhekk, bid-dovut rispett, l-ewwel onor. qorti hija kontinwament żbaljata meta tuża l-artikolu 19 kif emendat bħala l-*punto di partenza* tar-raġunamenti tagħha.

»Jirriżulta ampjament mill-provi prodotti illi l-appellanti għamlet alleg-azzjoni ċara u ressqet prova ta' trattament sfavorevoli minħabba l-gravidanza tagħha. Kien għalhekk kif ġà ntqal imbagħad jinkombi fuq l-appellati l-oneru illi jipprovaw li dak it-trattament anqas favorevoli kien ġustifikat skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att.

»F'dan il-kuntest ir-raġunamenti żvolti mill-ewwel onor. qorti … … … mhumiex korretti.

»L-ewwel onor. qorti għalkemm tgħid, meta ssemmi l-allegazzjoni tal-appellati u l-esposizzjoni tal-fatti magħmula minnhom illi "l-allegazzjoni tar-rikorrenti tirriżulta fattwalment elaborata u loġikament strutturata", però tinjora għal kollox il-provi prodotti mill-appellanti u tiċċita biss dak illi jgħidu ir-rappreżentanti tal-appellati.

»L-ewwel onor. qorti tgħid illi l-allegazzjoni tal-appellanta "ma tirriżultax indipendentement ikkorroborata u allura l-ewwel kweżit tal-artiklu 19 tal-Kap. 456 ma jirriżultax sodisfatt".

»Dan ir-raġunament ma jagħmilx sens legali lanqas jekk wieħed kellu għall-grazzja tal-argument jaqbel mal-ewwel qorti illi japplika l-artikolu 19 kif emendat. Imkien ma jingħad fil-liġi, la qabel u lanqas wara l-emenda, illi l-allegazzjoni trid tkun "indipendentement korroborata". F'dan l-aħħar rigward, ara dak sottomess hawn fuq dwar il-provi *a tempo vergine* permezz tal-*affidavit* tal-appellanti.

»In materja ta' xhieda indipendenti wkoll, ma jiftehemx kif l-ewwel onor. qorti tagħti daqshekk piż għall-fatt illi, kif tgħid, il-verżjoni tal-appellanti ma hijiex korroborata minn xhieda indipendenti mentri mbagħad tagħti piż kbir lix-xiehda tal-appellati, u tiċċita tali xiehda b'mod kopjuż, meta tali xiehda hija *ex parte* f'ċertu sens għax hija xiehda ta' diriġenti u impjegati tal-grupp ta' kumpanniji tal-appellata.

»A skans ta' ripetizzjoni għandu jiġi nnotat illi l-appellanti kienet ilha fl-impjieg tal-appellati għal snin kbar u tqum waħedha d-domanda: jekk kienet daqshekk negattiva, kif damet hemm daqshekk u anzi ftit qabel tħallset *bonus* mill-intimati għall-"*input and committment*" tagħha? U għaliex, saż-żmien li saru jafu li kienet tqila, kienu qed jiddiskutu magħha kif ser tibqa' fl-ingaġġ?

»Dwar il-kontenut fil-kuntratt tal-impjieg, *cioè* l-*proviso* għall-klawżola numru 3, għalkemm kien hemm id-dritt ta' terminazzjoni prematura min-naħa tal-appellata, dana ma jkoprix terminazzjonijiet minħabba aġir diskriminatorju bħal ma sar fil-każ, fejn għandu jiġi kkunsidrat illi l-aġir diskriminatorju jirrendi lil min ikun responsabbli għalih passibbli skond il-liġi.

»Għandu jiġi sottomess b'kull dovut rispett illi … l-ewwel onor. qorti jidher illi ma apprezzatx in-natura tal-kawża u tal-prinċipji li jsejsu l-artikolu tal-Kap. 456 illi fuqhom hija postulata. Il-qorti qiegħda hemmhekk effettivament tgħid illi il-maternità tal-appellanta u l-mewt ta' ommha wassluha biex "ikollha perċezzjoni differenti tar-realtà" jiġifieri l-qorti qiegħda tgħid illi persuna tqila ma tirraġunax b'mod normali, u kważi fl-istess nifs tgħid illi dak ir-raġunament tagħha mhuwiex korrett għas-sempliċi raġuni li ir-rappreżentanti u l-impjegati tal-appellata ma jaqblux miegħu, meta jintqal illi "però dawn iż-żewġ ċirkostanzi ta' sess u responsabbilità familjari ma irriżultawx li jif-figuraw fl-analiżi tal-fatti kif epurat mis-soċjetà intimata".

»Għandu jingħad illi … l-qorti ma ssemmix ukoll il-fatt illi l-appellanti qatt ma sarrfet iċ-*cheque* li kienet għadditilha l-appellata.

»Jidher illi l-ewwel onor. qorti injorat għal kollox il-ġurisprudenza Ewropea fir-rigward ta' każijiet b'fatti relatati ma' dawk tas-sentenza appellata.

»Fi kwalunkwe każ għandu jiġi emfazizzat illi anke jekk – biss għall-grazzja tat-argument – hemm xi traċċi ta' verità f'dak li jgħidu dwar il-komportament tal-appellanti, dan hu għal kollox irrelevanti u ma jistax jiġi ammess f'dawn il-proċeduri peress illi l-appellati kellhom iġibu dan a konjizzjoni tagħha bil-miktub fil-ħin tat-terminazzjoni tal-ingaġġ. Dan ma ġabuh qatt matul l-impjieg tagħha u lanqas fil-ħin tat-terminazzjoni. Infatti hi ma kellha ebda twissija bil-miktub u qatt ma ttieħdu passi dixxiplinarji kontriha.

»Hi l-umli fehma tal-appellanti illi dan il-każ hu każ ċar ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' ġeneru (*gender*) u dan peress illi t-terminazzjoni seħħet waqt it-tqala u peress illi l-kriterji ta' terminazzjoni (*vide* Danosa eċċ) ma ġewx sodisfatti.

»Dan il-bran hu ta' importanza.

> »"protection against dismissal must be afforded to women not only during maternity leave, but also throughout the period of pregnancy. According to the Court, the dismissal of a worker on account of pregnancy, or essentially on account of pregnancy, can affect only women and therefore constitutes direct discrimination on grounds of sex (see Paquay, paragraph 29 case-law cited)." (*Danosa* para. 66)"

»F'każijiet ta' allegat diskriminazzjoni, kif ġà ntqal iżda jrid jiġi emfazizzat, l-oneru tal-prova tgħaddi għal fuq l-appellati biex juri illi ma kienx hemm att ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-liġi.

»Kif ġà muri, *stante* illi fiż-żmien materjali ma kienx hemm ikkomunikat lill-appellanti xi raġuni għat-tkeċċija, anzi l-appellati biss *ex post* u b'ċertu nuqqas ta' lejaltà pprovaw jattribwixxu raġunijiet lill-appellanti biex jimmanufatturaw xi forma ta' ġustifikazzjoni, ma jistax ħlief, fl-umli fehma tal-appellanti, jiġi deċiż illi kien hemm diskriminazzjoni ċara u lampanti.

»Dan l-aġir tal-appellati, minflok ma ġie ċċensurat mill-ewwel onor. qorti, ġie minflok ippremjat billi ġie injorat għal kollox dak li hu rilevanti għal dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova u minflok l-appellati ngħataw kredibilità assoluta.

»Irid jiġi emfazizzat illi wieħed jistenna illi l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-oneru tal-prova jiġu sodisfatti meta tingħata tali prova u hu b'kull dovut rispett inkonċepibbli illi wieħed jikkonsidra dan l-oneru bħala sodisfatt meta fl-ewwel lok qatt ma tqajjmu lanjanzi fil-konfront tal-appellanti qabel ma "tkeċċiet" u, fi kwalunkwe każ, hu ċar illi kien hemm *course of conduct* ċar da parti tal-appellati li kienu qed jiddiskutu t-tkomplija fl-ingaġġ tal-appellanti (u kienu għadhom kemm tawha *performance bonus*) biex f'ħin bla waqt, "kumbinazzjoni" meta skoprew li kienet qed tistenna tarbija, indunaw illi kellhom ħeġġa impellenti li jitterminawaha.«

10. Is-soċjetà konvenuta wieġbet hekk:

»L-appellanti qiegħda tilmenta illi l-ewwel qorti "injorat" il-prinċipju illi t-terminazzjoni ta' xogħol / ingaġġ ta' mara tqila trid ikun għal raġunijiet mhux konnessi mal-istat tat-tqala tagħha u li huwa l-prinċipal illi jrid jipprova illi tali terminazzjoni mhux motivat mill-imsemmi stat ta' tqala.

»… … … l-ewwel qorti ma injorat bl-ebda mod dan il-prinċipju kif allegat. Anzi bil-maqlub l-ewwel qorti xtarret bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemha, inkluż dawk tas-soċjetà appellata, u kkonkludiet bl-aktar mod ċar illi t-terminazzjoni mill-ingaġġ tal-appellanti ma kien immotivat bl-ebda mod minn raġunijiet relatati mal-istat tat-tqala tal-appellanti kif minnha allegat. Il-fatt inniffsu illi l-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni hija xiehda fiha innifisha illi l-ewwel qorti m'hux talli ma injoratx il-prinċipju espost mill-appellanti fl-aggravju tagħha, talli, bil-kuntrarju, il-qorti kkunsidrat il-lanjanza tal-appellanti iżda sabet illi l-pretensjoni-

jiet tagħha kienu effettivament bla bażi. Fil-fatt l-ewwel qorti kienet sodisfatta mill-provi prodotti mis-soċjetà appellata illi r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-appellanti kienu proprju għal kollox differenti minn dawk allegati mill-appellanti.

»L-iżball kardinali fl-argumentazzjoni tal-appellanti f'dan l-appell (li hija riflessjoni tal-posizzjoni mħaddna mill-appellanti quddiem l-ewwel qorti) huwa illi minkejja illi hija stess ippostulat il-kawża tagħha fit-termini tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa u *cioè* Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti qiegħda tippretendi illi l-qorti tapplika d-disposizzjonijiet u rimedji ta' liġijiet oħra li ma jifformawx il-bażi tal-kawża odjerna. Dan, l-appellanti qiegħda tagħmlu intenzjonalment sabiex tipprova twaqqaf lill-qorti milli tikkunsidra l-fatti vera ta' dan il-każ, proprju għax minn dawn il-fatt jirriżulta ċar illi ma kien hemm l-ebda aġir diskriminatorju da parti tas-soċjetà appellata.

»Il-prinċipju illi terminazzjoni ta' ingaġġ ta' mara gravida tikkreja presunzjoni illi tali terminazzjoni seħħet minħabba l-gravidanza huwa prinċipju applikabbli fit-termini tal-Avviż Legali 439/2003 intitolat "Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg)" liema Regolamenti jittrasponu d-Direttiva 92/85/KEE magħrufa bħala l-*Pregnant Workers Directive,* u liema Regolamenti gew promulgati taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ossija Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk tali Regolamenti huma sussidjari għal-Kapitolu 452 u mhux għall-Kapitolu 456 li fuqu hija msejsa din il-kawża. Tali priniċpju japplika għal-finijiet tar-rimedji kontemplati fl-istess imsemmija Regolamenti u tal-Att prinċipali ossija il-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt il-Kapitolu 456.

»Ir-rimedji taħt il-Kapitolu 456 u dawk taħt il-Kapitolu 452 huma distinti għal kollox tant illi l-artikolu 19 tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi l-azzjoni kontemplata fl-imsemmija artikolu 19 (u li a bażi tagħha qed issir din il-kawża) hija mingħajr preġudizzju għar-rimedji oħra disponibbli lil min qed jallega diskriminazzjoni *ai termini* tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

»F'każ ta' allegat ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) (jew tal-*Pregnant Workers Directive* tal-Unjoni Ewropea trasposta fil-liġi nostrana permezz tal-imsemmija Regolamenti) wieħed għandu jintavola azzjoni *ai termini* tal-istess Regolamenti u tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija kawża intavolata quddiem it-Tribunal Industrijali fiż-żmien perentorju ta' erba' (4) xhur mill-ksur allegat. Minkejja r-referenzi kostanti fil-kawża odjerna għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti / Direttiva msemmija, l-appellanti, fil-kawża odjerna għażlet, kif kellha kull dritt, illi tirrikorri għar-rimedji mogħtija lilha taħt il-Kapitolu 456, ossija l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u mhux ir-rimedji kontemplati taħt il-Kapitolu 452 u/jew r-Regolamenti sussidjarji tiegħu.

»Saħansitra anke mid-definizzjoni stess ta' "impjieg" taħt il-Kapitolu 456 u dik ta' "impjegat" / "ħaddiem" taħt il-Kapitolu 452 wieħed jikkonkludi illi r-rimedji taħt iż-żewġ leġislazzjonijiet huma distinti. Fil-fatt illi fid-definizzjoni ta' "impjieg" taħt il-Kapitolu 456 jirriżulta ċarament illi din il-leġislazzjoni tapplika mhux biss għall-impjegati (*employees*) iżda ukoll għal persuni li jaħdmu għal rashom (*self employed*). Min-naħa l-oħra l-Kapitolu 452 japplika biss għall-impjegati (*employees*) ossija

persuni illi jaħdmu taħt il-kontroll ta' persuna li jħaddimhom taħt kuntratt ta' servizz (*contract of works*).

»Ma hemmx kontestazzjoni illi l-appellanti qua persuna *self employed* taqa' taħt id-definizzjoni ta' "impjieg" *ai termini* tal-Kapitolu 456 u għalhekk huma a disposizzjoni tagħha r-rimedji naxxenti taħt din il-leġislazzjoni. Mill-banda l-oħra l-appellanti ma taqax taħt id-definizzjoni ta' "impjegat" jew "ħaddiem" fit-termini tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawn huwa kruċjali illi wieħed ifakkar illi l-appellanti kienet ġà istitwiet proċeduri kontra s-soċjetà appellata quddiem it-Tribunal Industrijali għall-allegat tkeċċija ingusta, ukoll bażat fuq l-allegazzjoni illi r-rikorrenti kienet vittma ta' aġir diskriminatorju fil-konfront tagħha.

»Rinfaċċjat bl-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà appellata illi t-tribunal ma kienx kompetenti illi jisma' l-każ *stante* illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija naxxenti minn kuntratt għal għoti ta' servizzi professjonali (*contract for service*) u mhux kuntratt ta' impjieg (*contract of service*), it-tribunal fis-sentenza tiegħu tat-3 ta' Marzu tas-sena 2014 (każ 2757MF - deċiżjoni nru 2275) laqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellata u iddeċieda illi "r-relazzjoni bejn l-appellanta u s-soċjetà appellata hija waħda ta' konsulenza u mhux kuntratt ta' impjieg".

»Għalhekk it-Tribunal Industrijali bid-deċiżjoni tiegħu illi huwa ma huwiex kompetenti illi jisma' l-każ imressaq mill-appellanti fil-fatt eskluda illi l-appellanti taqa' taħt id-definizzjoni ta' "impjegat" *ai termini* tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tribunal bl-aktar mod ċar u inekwivoku esprima l-konvinzjoni tiegħu illi l-ftehim bejn il-partijiet huwa kuntratt ta' konsulenza u li ma kienx ġust illi dan il-kuntratt ta' konsulenza jiftehem li kien hemm xi intenzjoni li huwa kuntratt ta' impieg. Din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali ma ġietx appellata u konsekwentement illum hija *res judikata* bejn il-partijiet.

»Peress illi ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) huma regolamenti promulgati taħt il-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rimedji ta' dawn ir-Regolamenti huma a disposizzjoni għal dawk illi jikkwalifikaw taħt id-definizzjoni ta' "impjegat" / "haddiem" fit-termini tal-Kapitolu 452. Ġaladarba huwa stabbilit illi l-ingaġġ tal-appellanti mas-soċjetà appellata ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "impjieg" / "ħaddiem" għal finijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, allura id-disposizzjonijiet ta' dawn r-Regolamenti ma japplikawx għall-każ tal-appellanti.

»Għalhekk tenut kont dak kollu suespost, l-ewwel qorti kienet korretta meta illimitat ruħha illi titratta t-talbiet tal-appellanti fil-qafas tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta u dan mingħajr referenza għal disposizzjonijiet ta' regolamenti u / jew liġijiet ohra li jippostulaw rimedji distinti. L-indaġni li kellha tagħmel l-ewwel qorti, inkluż dawk dwar l-oneru tal-prova, bil-fors kellha tkun arġinata fit-termini tal-kontest-azzjoni tal-appellanti skond ir-rikors promotur tagħha.

»Ġaladarba l-istess appellanti invokat id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta fit-talbiet tagħha stess, allura l-ewwel qorti kienet marbuta illi tiddisponi minn din il-kawża fit-termini tal-istess Kapitolu 456 u ma setgħetx għalhekk tiddeċiedi dwar allegat ksur ta' disposizzjonijiet ta' Regolamenti u/jew liġijiet oħra *stante* illi tali allegazzjoni tikkonsisti f'*causa* ġuridika distinta u indipendenti.

»Kif ġustament irriteniet l-ewwel qorti u kif speċifikatament dispost fl-artikolu 19 tal-Kapitolu 456, l-oneru tal-prova f'dawn it-tip ta' kawżi

jinkombi kwantu (i) għal min jallega d-diskriminazzjoni li jġib prova li b'xi mod hija ġiet trattata b'mod anqas favorevoli fuq bażi ta' sess u/jew responsabilitajiet familjari, u, stabbilit dan, (ii) imbagħad jinkombi fuq min qiegħed jirrispondi għal tali allegazzjoni illi jipprova illi ma kien hemm l-ebda ksur.

»Kuntrarjament għal dak stipulat fir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg), fil-Kapitolu 456 ma jeżisti l-ebda proviżjoni [*sic*] illi jistipula illi t-terminazzjoni waqt it-tqala ġġib magħha il-presunzjoni li tali terminazzjoni seħħet minħabba l-gravidanza. Għalhek taħt il-Kapitolu 456 huwa ċar mill-artikolu 19 tiegħu illi m'huwiex biżżejjed bħala oneru tal-prova illi l-appellanti tipprova illi hija kienet tqila meta ġie terminat l-ingaġġ tagħha. Ir-rikorrenti trid tipprova illi b'xi mod hija ġiet trattata b'mod anqas favorevoli fuq bażi ta' sess u/jew responsabilitajiet familjari, ħaġa illi effettivament ma rnexxilhiex tagħmel matul it-trattazzjoni tal-kawża.

»Ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-oneru tal-prova inkombenti fuq min qiegħed jirrispondi għall-allegazzjoni ta' diksriminazzjoni, il-fatt li l-motivazzjoni għat-terminazzjoni tal-ingaġġ ma tniżżlitx speċifikatament fl-ittra tat-terminazzjoni tal-ingaġġ huwa immaterjali għal fini tal-prova rikjesta fl-artikolu 19 tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.

»L-appellanti tagħmel referenza kostanti għall-*Pregnant Workers Directive* independentement mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) illi effetivament jittrasponu l-imsemmija Direttiva fil-liġi nostrana, bħallikieku l-imsemmija Direttiva tikkonferixxi xi dritt lill-appellanti lil hinn mir-Regolamenti msemmija. F'dan ir-rigward irid jiġi sottomess illi Direttiva tal-Unjoni Ewropea huwa att leġislativ li fin-natura tiegħu jikkonsisti f'ordni lil stat membru illi jimplementa l-iskop tal-istess Direttiva mingħajr ma jiddetta il-mod ta' kif dan għandu jseħħ.

»Huwa prinċipju assodat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea illi Direttiva tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex effett dirett bejn ċittadini / individwi (dak li jissejjah *horizontal direct effect*) u konsegwentement ċittadini ma jistgħux jibbażaw azzjonijiet bejniethom direttament a bażi ta' xi drittijiet naxxenti minn xi direttiva. L-iStat Malti debitament implimenta din id-Direttiva bil-promulgazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) u dan taħt il-liġi prinċipali li tirregola l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali (ossija Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

»Li kieku l-appellanti riedet tużufruwixxi mid-disposti tal-imsemmija Direttiva, kif ingħad qabel, l-appellanti messha ppostulat il-kawża tagħha fit-termini tar-Regolamenti imsemmija u l-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt ir-rimedji tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Mingħajr pregudizzju għas-suespost, ir-referenza estensiva illi tagħmel l-appellanti għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja magħrufa bhala Danosa hija ukoll irrelevanti għall-każ *de quo*.

»Qabel xejn il-fattispeċie taż-żewġ każijiet huma differenti – wieħed jittratta każ li jinvolvi membru tal-bord ta' diretturi ta' soċjetà kapitali, filwaqt illi l-kawża odjerna tirrigwardja persuna illi qiegħda tipprovdi servizzi ta' konsulenza fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha ta' avukat.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk wieħed kellu għall-argument jaċċetta illi s-sentenza Danosa hija applikabbli għal każ *de quo*, irridu niftakru illi din l-istess sentenza tagħmilha ċara illi hija l-qorti nazzjonali li trid tiddetermina jekk mill-fatti u ċirkostanzi preżentati quddiemha l-ingaġġ tal-appellanti mas-soċjetà appellata joħloqx relazzjoni li tikkwalifikha biex titqies bħala "ħaddiem" fit-termini ta' dik is-sentenza. Lokalment, tali analiżi / determinazzjoni saret mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza fuq imsemmija fejn ġie stabbilit illi n-natura tal-ingaġġ tal-appellanti kien wieħed ta' konsulenza u li konsekwentement l-appellanti ma kinitx tikkwalifika illi tkun meqjusa bħala "ħaddiem" fit-termini tal-Kapitolu 452.

»Tant hu hekk illi t-Tribunal Industrijali, li huwa tribunal speċjali li jisma' każijiet dwar kwistjonijiet ta' ħaddiema, inkluż allegat ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg), qies lilu nnifsu inkompetenti li jisma' l-każ tal-appellanti, in kwantu ma tistax titqies illi hija ħaddiem fit-termini tal-liġi.

»Hawn tajjeb illi wieħed jissottometti illi d-definizzjoni ta' "impjegat" / "ħaddiem" taħt il-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta hija konsistenti mal-kunċett ta' "ħaddiem" fit-termini tas-sentenza Danosa, u għalhekk l-analiżi u d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali dwar l-i*status* tal-appellanti jestendi għal dan tal-aħħar ukoll. Jekk fl-opinjoni tagħha d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali (illi ngħatat fil-mori tal-kawża odjerna) ma kinitx konformi mas-sentenza Danosa, ir-rimedju tal-appellanti kien illi tappella dik id-deċiżjoni, ħaġa li għażlet li ma tagħmilx, u mhux tipprova tinvoka l-imsemmija sentenza fl-ambitu tal-kawża odjerna sabiex tipprova terġa' tiftaħ l-analiżi magħmula mit-tribunal. Ġaladarba hemm sentenza finali illi tittratta il-klassifikazzjoni tal-ingaġġ tal-appellanti, wieħed bil-fors irid jistrieħ fuq id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali f'dan ir-rigward, ossija li r-relazzjoni tal-partijiet hija waħda ta' konsulenza u mhux ta' impieg.

»Fi kwalunkwe każ, anke li kieku wieħed kellu, għas-saħħa tal-argument, jargumenta illi, minkejja id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, wieħed xorta wahda jista' jerġa' jiftaħ beraħ il-kwistjoni dwar jekk l-appellanti kinitx impjegata u / jew konsulent u dan fil-qafas tas-sentenza Danosa, irid jiġi sottomess illi mill-provi miġjuba quddiem l-ewwel qorti tali analiżi m'hijiex possibbli u dan billi l-appellanti ma ġabet l-ebda prova quddiem l-ewwel qorti dwar in-natura tar-relazzjoni bejnha u s-soċjetà appellata.

»Dawn il-provi nġabu estensivament quddiem it-Tribunal Industrijali iżda mhux quddiem l-ewwel qorti. Konsekwentement ma hemm xejn fil-provi illi jista' jwassal sabiex wieħed jistabillixxi jekk l-elementi msemmija fis-sentenza Danosa jeżistux fil-każ odjern. L-appellanti fil-fatt tonqos milli b'xi mod tipprova illi s-soċjetà appellata kienet teżerċita xi livell ta' superviżjoni, direzzjoni u / jew kontroll fuq l-appellanti fil-qadi tad-doveri tagħha. Anzi mill-provi prodotti mis-soċjetà appellata, partikolarment l-*affidavit* ta' Tony Potter, jirriżulta proprju l-kuntrarju. Il-ftehim li kien jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kien proprju tali sabiex l-appellanti jkollha dik il-flessibilità sabiex ma jkunx hemm dik ir-relazzjoni ta' subordinazzjoni li hija karatteristika f'relazzjoni ta' impjieg. Dan, fl-umli opinjoni tal-esponenti, huwa element kruċjali illi effettivament jikkonferma illi l-appellanti lanqas ma tikklassifa bhala "ħaddiem" fit-termini tas-sentenza Danosa.

»*Inoltre*, in sostenn ta' din it-teżi, wieħed irid iżomm f'moħħu illi s-servizzi prestati mill-appellanti kienu proprju servizzi ta' konsulenza legali. Fil-qadi ta' tali servizz wieħed ma jingħatax direzzjoni minn min tali servizz huwa dirett. Tali servizzi mhumiex u ma kinux kontrollati u / jew determinati mis-soċjetà appellata. Anzi pjuttost il-kuntrarju. Hija s-soċjetà appellata li kienet tiddependi mill-parriri professjonali u l-*expertise* tal-appellanti.

»L-iskop tan-negozju tas-soċjetà appellata huwa dak li tiġġestixxi lukandi u mhux li tipprovdi servizzi legali. L-iskop tas-servizzi mogħtija mill-appellanti kien proprju dak illi tabbozza u tirrivedi kuntratti illi s-soċjetà appellata kienet ser tiffirma ma' terzi għal ġestjoni u immaniġjar ta' lukandi u sabiex hija tagħti pariri siewja lis-soċjetà appellata dwar l-implikazzjonijiet legali ta' tali kuntratti.

»L-appellanti ma kienet dipendenti fuq ebda taħriġ u / jew direzzjoni mis-soċjetà appellata dwar kif l-appellanti għandha tipprovdi s-servizzi tagħha. L-appellanti kienet qiegħda tipprovdi tali servizzi fil-qadi tal-professjoni legali tagħha.

»Għalhekk ma hemmx dubju illi l-appellanti kienet tikkontrolla interament ix-xogħol tagħha u kienet saħansitra tirregola l-ħin tagħha u tipprijoritizza x-xogħol tagħha kif jidhrilha hi. Huwa evidenti għalhekk illi huma nieqsa l-elementi meħtieġa sabiex l-appellanti tkun tista' titqies bħala "ħaddiem" fit-termini tas-sentenza Danosa.

»Interessanti illi wieħed jinnota ukoll illi n-natura tar-relazzjoni bejn l-appellanti u s-soċjetà appellata teżorbita wkoll mid-definizzjoni ta' "impjegat" taħt il-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-leġislatur Malti eskluda b'mod espliċitu minn tali definizzjoni: "xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku". Kuntratt ta' servizz huwa fil-fatt definit bħala kuntratt ta' impjieg u fil-fatt qed jirreferi għall-kunċett ta' *contract of works* u mhux *contract for works*. Kif ġà ngħad qabel ġie stabbilit mit-Tribunal Industrijali illi l-appellanti ma kellhiex kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà appellata.

»Għalhekk fi kwalunkwe każ, mingħajr preġudizzju għal dak suespost fir-rigward tal-fatt illi l-kawża hija bażata fuq rimedju distint minn dak kontemplat taħt il-Kapitolu 452 u r-Regolamenti sussidjarji tiegħu, l-appellanti naqset illi tipprova illi r-relazzjoni / ingaġġ bejnha u s-soċjetà appellata hija tali li taqa' fl-ambitu tad-definizzjoni ta' "ħaddiem" fit-termini sija tas-sentenza Danosa – anzi kif ingħad qabel il-fatti juru proprju l-kuntrarju.

»Fl-applikazzjoni ta' artikolu 19 tal-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-analiżi tal-provi miġjuba quddiema, il-qorti stabbiliet bl-aktar mod ċar illi "minn eżami akkurat tar-riżultanzi in atti għalkemm l-allegazzjoni tar-rikorrenti tirriżulta fattwalment elaborata u loġikament strutturata però ma tirriżultax indipendentement ikkoroborata u allura l-ewwel kweżit tal-artikolu 19 tal-Kap. 456 ma jirriżultax sodisfatt".

»Il-qorti setgħet effettivament waqfet hemm in kwantu ma ġiex sodisfatt l-ewwel element rikjest *ai termini* tal-artikolu 19. Iżda minkejja dan il-qorti marret *oltre* u kkonkludiet ukoll illi s-soċjetà appellata "ipprovat għas-sodisfazzjoni tal-qorti li fl-aġir tagħha in diżamina ma jirriżultax li kien hemm id-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti …

ma jirriżultax mill-atti … li l-animu wara d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata kien li tkun volutament diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrenti minħabba l-istat ta' maternità li kienet fih f'dak il-perijodu partikolari".

»Għalhekk anke li kieku l-appellanti setgħet ipprovat l-ewwel element rikjest *ai termini* tal-artikolu 19 (ħaġa li m'għamlitx), xorta waħda l-qorti qieset illi s-soċjetà appellata rnexxielha tipprova li ma kien hemm l-ebda ksur.

»… … …

»… … … meta wieħed janalizza l-provi prodotti mis-soċjetà appellata wieħed ma jistax ma jasalx għal konklużjoni, kif fil-fatt għamlet l-ewwel qorti, illi d-deċiżjoni tas-soċjetà appellata ma kienet bl-ebda mod motivata mit-tqala tagħha.

»Fil-fatt l-enfażi daqstant kbir li qed tagħmel l-appellanti sabiex jiġu applikati f'dan il-każ id-disposizzjonijiet tal-*Pregnancy Directive* u l-prinċipji riżultanti mis-sentenza Danosa huwa neċessitat mill-fatt illi l-appellanti ma tixtieqx illi s-soċjetà appellata tesponi ċarament dak li fil-fatt immotivaha illi twaqqaf l-ingaġġ tal-appellanti u dan peress illi l-allegazzjonijiet kollha tal-appellanti jsiru duħħan. Huwa ċar illi l-iskop tal-appellanti huwa dak illi tpoġġi sarima ma ħalq is-soċjetà appellata u twaqqafha milli effettivament tagħti l-motivazzjonijiet għat-terminazzjoni tal-ingaġġ, proprju għaliex, kif ppruvat abbundatament matul it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-ewwel qorti, huwa ċar illi s-soċjetà appellata ma kienet motivata bl-ebda mod mill-fatt illi l-appellata kienet tqila.

»Mhuwiex minnu dak implikat mill-appellanti illi s-soċjetà appellata b'xi mod qiegħda tipprova tagħti ġustifikazzjoni għat-terminazzjoni tal-ingaġġ *ex post facto* sabiex b'xi mod tgħatti l-allegata raġuni vera tat-terminazzjoni ossija t-tqala. Kif ġie ippruvat, is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda problema bit-tqala tal-appellanti. Is-soċjetà appellata ma indikatx ir-raġunijiet tat-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-appellanti fl-ittra relativa sempliċement għalhiex ma kellha l-ebda obbligu u/jew ħtieġa li tagħmel dan *stante* illi n-natura tal-ingaġġ tal-appellanti ma kienx wieħed li jaqa' taħt il-kappa tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) inkwantu l-appellanti ma kinitx impjegata tas-soċjetà appellata.

»It-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-appellanti seħħ fit-termini pattwiti fil-kuntratt li kien jirregola ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Fil-fatt l-artikolu 3 tal-kuntratt ta' konsulenza bejn il-partijiet datat 26 ta' Lulju 2007 jipprovdi bl-aktar mod ċar:

> »"Provided furthermore that the parties are hereby agreeing that the Company will be free to terminate this agreement at any time by giving to the Consultant three (3) months notice in writing to this effect, without incurring any liability whatsoever …"

»Kuntrarjament għal dak indikat fir-rikors tal-appell tal-appellanti, il-fatt illi s-soċjetà appellata kellha d-dritt illi ittermina l-ingaġġ tal-appellanti permezz ta' sempliċi avviż ma jfissirx illi s-soċjetà appellata kellha d-dritt illi tagħmel dan a bażi ta' motivazzjonijiet diskriminatorji. Is-soċjetà appellata fl-ebda ħin ma qatt irriteniet dan u huwa għalhekk illi s-soċjetà appellata bl-akbar konvinzjoni u impenn qiegħda tiddefendi l-posizzjoni tagħha f'dan il-każ *stante* illi l-allegazzjoni tal-appellanti fil-

konfront tas-soċjetà appellata dwar aġir diskriminatorju huwa għal kollox infondat u lil hinn mill-verità.

»Ir-referenza għall-kuntratt ta' konsulenza eżistenti bejn il-partijiet ġiet invokata mis-soċjetà appellanti *stante* illi l-materja tat-terminazzjoni tal-ingaġġ u l-proċedura rikjesta hija regolata esklussivament mill-imsemmi kuntratt u mhux mid-disposizzjoniet tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ir-regolamenti sussidjarji għall-istess, inkluż ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg), illi jirregolaw rel-azzjonijiet ta' impieg.

»Meta wieħed janalizza l-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti, huma diversi l-istanzi fejn joħrog ċar illi t-tqala tal-appellanti ma kien ebda xkiel għar-relazzjoni bejn is-soċjetà appellata u l-appellanti – l-aktar sinifikattivi huma s-segwenti:

»(i) il-fatt illi minkejja li s-soċjetà appellata kienet a konoxxenza tal-fatt illi l-appellanti kienet tqila, wara insistenza tal-appellanti illi tiġi ri-veduta r-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom is-soċjetà appellata offriet illi timpjega lill-appellanti taħt kuntratt ta' impjieg, liema kuntratt ġie rifjutat mill-istess appellanti wara li hija indikat illi ma xtaqitx taderixxi ma' dawk il-kundizzjonijiet ta' impjieg u *policies* applikabbli għas-*senior executives* kollha impjegati mas-soċjetà appellata;

»(ii) illi saħansitra wara li l-appellanti rrifjutat il-kuntratt ta' impjieg u indikat illi riedet tibqa' fuq kuntratt ta' konsulenza, is-soċjetà appellata saħansitra għamlitha ċara illi hija kienet disposta illi tappoġġja lill-appellanti b'kull mod possibbli matul il-perijodu tal-maternità tagħha tant illi s-soċjetà esponenti kienet disposta illi tkompli tħallas lill-appellanti l-*fee* tagħha ta' konsulent fiż-żmien tat-tqala minkejja li ma kinitx intitolata għalihom *qua* konsulent.

»Allura jekk is-soċjetà appellata kellha problema bit-tqala tal-appellanti kif minnha allegat, x'sens jagħmel illi s-soċjetà appellata toffri lill-appellanti illi timpjegaha bil-benefiċċji kollha tal-maternità illi din iġġib magħha? Jekk kellha problema bit-tqala tal-appellanti, x'sens jagħmel illi s-soċjetà appellata toffri illi tibqa' tħallas lill-appellanti l-*fee* tagħha ta' konsulent minkejja li ma tkunx f'posizzjoni illi tikkommetti s-sigħat pattwiti matul it-tqala / maternità?

«Minn dan joħroġ ċar illi kull allegazzjoni illi d-deċiżjoni tas-soċjetà appellata illi twaqqaf l-ingaġġ tal-appellanti kienet motivata mill-fatt illi hija kienet tqila hija kompletament assurda u dijametrikament opposta għall-fatti u il-provi kollha f'dan il-każ.

»Kif xehdu uffiċjali tas-soċjetà appellata u tal-grupp *Corinthia* li tiegħu jifforma parti, il-grupp *Corinthia* dejjem ħaddnet politika ta' ugwaljanza u matul is-snin kienu diversi n-nisa impjegati magħha illi kienu tqal u li komplew u avvanzaw fil-karriera tagħhom mal-istess grupp. Mhux l-ewwel darba illi s-soċjetà appellata tat assistenza u benefiċċji speċjali lill-impjegati sabiex jassistu trabi b'kundizzjonijiet ta' mard serju. Is-soċjetà appellata tagħti wkoll il-benefiċċju lill-ommijiet li jaħdmu *reduced hours* wara li jkunu welldu sabiex tgħinhom jilħqu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

»Bl-istess mod illi s-soċjetà appellata ma sabet l-ebda diffikultà illi tgħin u tissupportja lil diversi impjegati tagħha li kienu tqal, wieħed ma

jistax jifhem għalfejn is-soċjetà appellata kellha ssib xi diffikultà speċjali u partikolari bit-tqala tal-appellanti kif minnha allegat.

»Fil-fatt kif fuq indikat dan ma kienx il-każ u saħansitra s-soċjetà appellata kienet disposta illi tgħin lill-appellanti finanzjarjament matul il-perijodu ta' tqala / maternità minkejja illi hija ma kellha l-ebda obbligu illi tagħmel dan.

»Kif ġie ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, dak li wassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' konsulenza tal-appellanti m'huwa xejn hlief l-attitudni [*recte*, atteġġjament] u l-imġieba negattiva tal-appellanti stess. L-uffiċjali tas-soċjetà appellata illi ħadu d-deċiżjoni li jitterminaw l-ingaġġ tal-appellanti ċaħdu kategorikament illi t-tqala tal-appellanti kien b'xi mod kunsidrat fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom.

»Ir-riżervi tas-soċjetà appellata fir-rigward tal-imġieba negattiva tal-appellanti hija mfissra bl-iswed fuq l-abjad f'*email* interna, liema *email* hija datata qabel ma ġie terminat l-ingaġġ tal-appellanti. Dan id-dokument huwa prova inkonfutabbli illi r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-appellanti imfissra f'dawn il-proċeduri kienu proprju dawk ir-raġunijiet illi mmotvaw is-soċjetà appellata fid-deċiżjoni tagħha u m'humiex ivvintati kif allegat mill-appelanti wara l-fatt sabiex is-soċjetà appellata tipprova tagħti bixra legali għad-deċiżjoni tagħha.

»Din l-*email* hija proprju l-konferma li l-posizzjoni mfissra mis-soċjetà appellata f'din il-kawża hija ġenwina, u li t-tqala tal-appellanti ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mad-deċiżjoni tas-soċjetà appellata illi twaqqaf l-ingaġġ tal-appellanti. L-allegat diskors li sar bejn l-appellanti u Alfred Pisani huwa għal kollox miċħud mill-istess Alfred Pisani, u, fi kwalunkwe każ, kif ġie ampjament ipprovat, is-Sur Pisani ma kien involut bl-ebda mod fit-teħid tad-deċiżjoni tas-soċjetà appellata illi ttermina l-ingaġġ tal-appellanti.

»Bir-rispett kollu, l-argument tal-appellanti illi hija ma kellha ebda twissija bil-miktub u li qatt ma ttieħdu passi dixxiplinarji kontriha fir-rigward ta' dak li effettivament immotiva lis-soċjetà appellata illi ttermina l-ingaġġ huwa irrelevanti u insostenibbli u dan billi r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' impjieg iżda ta' konsulenza. Proċeduri ta' dixxiplina jittieħdu fil-konfront ta' impjegati, ossija persuni illi għandhom relazzjoni ta' subordinazzjoni. Stabbilit illi ma kienx hemm din it-tip ta' relazzjoni bejn il-partijiet, wieħed ma jistax jifhem kif wieħed jista' jippretendi li kellhom jittieħdu tali passi fil-konfront tal-appellanti.

»Wieħed jista' jifhem l-animu tal-appellanti li ma kinitx kuntenta bit-terminazzjoni tal-ingaġġ tagħha. … … …

»F'dan il-kuntest kienet korretta l-ewwel qorti meta irrimarkat illi l-appellanti kienet qed tipperċepixxi r-realtà b'mod differenti meta kienet qed tattribwixxi dak li kien qed jiġri lilha mas-soċjetà appellata għall-maternità u l-fatt li kienet tqila. L-appellanti kienet fil-fatt qiegħda taħrab mir-realtà u tipprova tattribwixxi tort għal dak li kien qed jiġri lil ħaddiehor.

»Ovvjament l-appellanti ma tara xejn ħażin u ma tattribwixxi l-ebda tort għal dak li ġara għall-fatt illi hija b'arroganza kienet qed tippretendi attenzjoni eċċessiva u taħli sigħat sħaħ tas-*senior management* f'negozjar ta' ftehim personali illi qatt ma seta' jintlaħaq ftehim dwaru meta hija kienet qed tippretendi trattament speċjali u differenti minn

impjegati oħra, u dan fi żmien kruċjali fl-operat tas-soċjetà appellata, ukoll meta l-istess negozjati kienu ġà seħħu, ukoll mingħajr eżitu minħabba l-pretensjonijiet irraġonevoli tal-appellanti, ftit ta' snin qabel.

»Minkejja dan kollu, u wara li rat li ma kinetx ser takkwista dak li riedet, ippretendiet illi minn wara dar il-klijent tagħha, ossija s-soċjetà appellata immexxija minn Tony Potter, iddur fuq iċ-*chairman* tal-grupp *Corinthia*, Alfred Pisani, sabiex jidħol hu għaliha, ħaġa li m'għamilx peress li, kif spjega tant tajjeb fix-xiehda tiegħu, apparti li ma jindaħalx fl-operat tas-soċjetà appellata, huwa ġà kien interċeda għall-appellanti f'ċirkostanza oħra preċedenti u kien ħassu deluż bl-aġir tagħha.

»Tul dawn in-negozjati kien evidenti illi l-appellanti kienet motivata biss minn dak li tista' takkwista mingħand is-soċjetà appellata, u, minkejja d-diversi konċessjonijiet u benefiċċji mogħtija mis-soċjetà appellata, l-appellanti qatt ma kienet tissodisfa ruħha.

»… … …

»… … … is-soċjetà appellata xorta żammet il-bieb miftuħ lill-appellanti li tiġi impjegata bil-kundizzjonijiet offruti lilha, ossija dawk konsistenti ma' kundizzjonijiet li kienu jgawdu impjegati fl-istess grad, iżda din l-offerta ġiet rifjutata mill-appellanti stess. Kien hawn li, minkejja l-appellanti kienet għażlet li tibqa' ingaġġata bħala konsulent, is-soċjetà appellata saħansitra offriet li tgħin lill-appellanti u, matul il-perijodu li ma setgħetx taqdi is-servizzi tagħha minħabba maternità, tkompli tħallas lill-appellanti l-miżati tagħha.

»Kif minn dan kollu l-appellanti setgħet tiddeduċi illi s-soċjetà appellata aġixxiet b'mod diskriminatorju magħha, għadu sallum misteru.«

11. Verament, l-argumenti tal-attriċi dwar jekk il-protezzjoni tal-liġijiet relevanti tgħoddx għaliha ma għandhomx wisq relevanza għall-għanijiet tal-appell, għax l-ewwel qorti mkien ma qalet li l-liġijiet relevanti ma jgħoddux għall-każ tal-attriċi: li qalet l-ewwel qorti hu illi fattwalment lill-konvenuta seħħ-ilha turi illi l-ingaġġ tal-attriċi ntemm mhux minħabba konsiderazzjonijiet ta' tqala jew ta' responsabiltajiet tal-familja, iżda minħabba konsider-azzjonijiet oħra li ma għandhomx x'jaqsmu.

12. Il-kwistjoni quddiem din il-qorti mela hija qabel xejn waħda fattwali: il-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar il-konsiderazzjonijiet li wasslu lis-soċjetà konvenuta biex ittemm l-ingaġġ tal-attriċi kienet korretta jew le?

13. Jingħad qabel xejn illi l-kwistjoni ma hijiex biss it-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-attriċi iżda wkoll, u forsi aktar, in-nuqqas tal-konvenuta li tingaġġaha mill-ġdid. Il-konvenuta temmet ir-relazzjoni maħluqa bil-kuntratt tas-26 ta’ Lulju 2007 qabel il-waqt u qabel ma ntemm iż-żmien tal-avviż ta’ tliet xhur li kellu jingħata taħt il-kuntratt, iżda ta’ dan l-attriċi tħallset kumpens. L-ilment tal-attriċi iżda huwa wkoll li ma ġietx ingaġġata mill-ġdid, bi ksur ta’ dak li jgħid l-art. 4 tal-Kap. 456:

> »**4**. (1) Prinċipali ma jistgħux jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, kontra persuna fl-arranġamenti li jsiru biex jiġi stabbilit jew meta jkun qed jiġi stabbilit min għandu jiġi offrut impieg jew fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-impieg jiġi offrut abbażi tagħhom … … …«

14. Għalhekk il-kelma “terminazzjoni” f’din is-sentenza għandha tiftehem li tfisser kemm it-terminazzjoni tal-ingaġġ taħt il-kuntratt tas-26 ta’ Lulju 2007 u kemm ir-rifjut ta’ ingaġġ taħt kuntratt ġdid.

15. Nibdew billi naraw fuq min jaqa’ l-oneru tal-prova, jew, aħjar, xi prova hija meħtieġa u mingħand min.

16. L-attriċi tgħid illi l-fatt illi t-terminazzjoni seħħet waqt it-tqala *ipso facto* jitfa’ fuq min iħaddem l-oneru li juri li t-tqala ma kinitx ir-raġuni għat-tkeċċija u li kien hemm raġunijiet oħra tajba u biżżejjed għat-tkeċċija. Għalkemm l-attriċi tgħid illi dan joħroġ minn Direttiva ewropea, fil-fatt ma huwiex meħtieġ li naraw jekk iseħħux il-kondizzjonijiet biex lil dik id-Direttiva jingħata effett dirett “orizzontali” billi dak li trid id-Direttiva ġie effettivament implementat fil-leġislazzjoni domestika, speċifikament fir-reg. 12 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) [“L.S. 452.91”] li, fiż-żmien relevanti, kien igħid hekk:

»**12**. (1) … … … ma għandux ikun legali għall-prinċipal li jkeċċi impjegata tqila … … … mid-data li fiha din l-impjegata tinnotifika formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha sa tmiem il-*leave* tal-maternità tagħha, u waqt xi perjodu ta' *leave* speċjali tal-maternità, minħabba fil-kondizzjoni tagħha … … …

»… … …

»(3) F'każijiet meta jkun hemm kawża tajba u suffiċjenti għat-tkeċċija tal-impjegata, il-prinċipal għandu:

»(a) jġib raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija tagħha bil-miktub fl-avviż ta' terminazzjoni tagħha;

»(b) jibgħat kopja ta' dan l-avviż lid-Direttur.«

17. Tgħid ħażin is-soċjetà konvenuta illi dan il-każ ma jintlaqatx bil-L.S. 452.91 għar-raġuni li dan l-Avviż Legali ma sarx taħt il-Kap. 456 iżda taħt l-Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ["Kap. 452"]. Jekk ir-Regolament jolqot il-fatti tal-każ il-qorti għandha tapplikah għax *iura novit curia* u l-fatt waħdu li fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża issemmiet liġi partikolari ma jġibx illi liġijiet oħra mhux imsemmija espressament mill-partijiet ma jibqgħux iseħħu. Sakemm il-qorti ma tissorprendix lill-partijiet billi ssemmi għall-ewwel darba fis-sentenza liġi li l-partijiet ma kinux jafu biha – li ma huwiex il-każ – il-qorti hija marbuta illi tapplika l-liġijiet li jgħoddu għaċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollha quddiemha.

18. Lanqas ma jiswa l-argument tal-konvenuta msejjes fuq id-differenza fit-tifsira ta' "ħaddiem" jew "impjegat" fil-Kap. 452 u dik fil-Kap. 456. Għall-għanijiet tal-Kap. 452[2] (u għalhekk għall-għanijiet ta' Regolamenti magħ-

---

2 Kap. 452, art. 2(1): »"ħaddiem" għandha l-istess tifsira bħal "impjegat" … … .«; »"impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjon u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, … … … iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali … … … meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku.«

»"kuntratt ta' servizz" … … … tfisser ftehim … … … sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, li bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil jew taħdem għal prinċipal bil-ħlas ta' paga.«

mula taħtu, fosthom il-L.S. 452.91) u wkoll għall-għanijiet tal-Kap. 456[3] l-attriċi kienet titqies bħala "ħaddiema" jew "impjegata"— u għalhekk kemm il-Kap. 452 u l-Kap. 456 u kemm il-L.S. 452.91 igħoddu għaliha. Fil-fatt, għalkemm il-prestazzjonijiet tal-attriċi kienu "xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali", dan ma jeskludix l-i*status* tagħha ta' ħaddiem jew impjegat ladarba regolat minn "kuntratt ta' servizz speċifiku".

19. U lanqas ma hu minnu dak li tgħid il-konvenuta illi d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li l-attriċi ma hijiex "impjegat" hija *res iudicata* li torbot ukoll fil-każ tallum. Dik id-deċiżjoni tiswa biss għall-għanijiet li għalihom ingħatat, *viz.* il-kompetenza tat-tribunal, u mhux għal għanijiet oħra.

20. Id-disposizzjoni relevanti hija għalhekk dik tar-reg. 12 tal-L.S. 452.91 riprodott fuq.

21. L-argument tal-attriċi hu illi d-diriġenti tas-soċjetà attriċi "qatt ma tawha raġuni bil-miktub għat-temm ta' ingaġġ u għalhekk, neċċessarjament u inekwivokabilment, irid ikun preżunt illi ma kienx hemm raġuni valida għat-terminazzjoni". Jidher li huwa minnu li kien hemm dan in-nuqqas tas-soċjetà konvenuta li tagħti raġunijiet bil-miktub. Daqstant ieħor, iżda, ma jidhirx li hemm prova illi l-attriċi innotifikat "formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha"[4]. L-attriċi ma wrietx li tat dan l-avviż formali iżda tgħid illi "ma huwiex tenibbli illi l-appellati ma kinux jafu bit-tqala, meta l-appellanti kellha sitt xhur tqala meta tkeċċiet". Tassew illi dan in-nuqqas ta' formalità

---

3 Kap. 456, art, 2(1): »"impieg" tfisser kull attività bi qligħ inkluż li l-persuna taħdem għal rasha … … …«

4 L.S. 452.91, reg. 2(1): »"impjegata tqila" tfisser impjegata li formalment tgħarraf lill-prinċipal tagħha bit-tqala tagħha u bid-data tat-twellid mistennija permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrati.«

min-naħa tal-attriċi ma għandux inaqqas id-drittijiet sostanzjali tagħha, iżda min-naħa l-oħra n-nuqqas tal-konvenuta wkoll kien wieħed formali u ma jixraqx illi l-attriċi tinqeda b'nuqqas biss formali tal-parti l-oħra meta hemm nuqqas, daqstant ieħor formali, tagħha.

22. Dan ma jfissirx illi l-oneru tal-prova issa jaqa' kollu fuq l-attriċi; ifisser biss illi ma tistax tinqeda bl-argument illi *post hoc ergo propter hoc* biex toħloq il-preżunzjoni illi t-tqala kienet ir-raġuni għat-temm tal-impieg, biex hekk titfa' fuq il-konvenuta l-oneru li turi li kien hemm raġunijiet oħra tajba u biżżejjed biex intemm l-impieg. Il-kwistjoni għalhekk tibqa' regolata bl-art. 19 tal-Kap. 456.

23. L-attriċi tgħid illi l-ewwel qorti applikat verżjoni ħażina tal-art. 19 u illi dan wassal lill-qorti biex ma tgħarbilx sew il-provi.

24. Dawn huma ż-żewġ verżjonijiet tal-art. 19, waħda kif kienet fiż-żmien relevanti qabel l-emenda u l-oħra wara l-emenda. Id-differenza hija fl-art. 19(2):

| Qabel l-emenda bl-Att XVIII.2014.2 | Wara l-emenda bl-Att XVIII.2014.2 |
|---|---|
| »**19**. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, kull min jallega li persuna tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontra l-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi.<br>»(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) ikun biżżejjed li l-attur iġib jew iġġib | »**19**. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali, kull min jallega li persuna tkun għamlet xi att fil-konfront tiegħu jew tagħha, li taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikun kontra l-liġi, jkollu jew ikollha dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili fejn jitlob jew titlob lill-qorti tordna lill-konvenut jiddeżisti mill-attijiet tiegħu jew tagħha kontral-liġi u, meta dan ikun japplika, tordna li jsir il-ħlas ta' kumpens għal dik il-ħsara li jkun ġarrab jew tkun ġarrbet minħabba f'dak l-att kontra l-liġi.<br>»(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) u f'kull proċedimenti oħra li jikkonċer- |

| | |
|---|---|
| prova ta' trattament b'mod anqas favorevoli minħabba fis-sess tiegħu jew tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja u l-oneru jkun fuq il-konvenut li jġib jew iġġib prova li dak it-trattament anqas favorevoli kien ġustifikat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att." | naw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem awtorità kompetenti li ma tkunx Qorti msemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin għaliex il-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti, jew quddiem dik l-awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom, għandu jkun il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu inġiebu dawk il-proċedimenti li jġibu prova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali jew li dak it-trattament inqas favorevoli kien ġustifikat skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-Qorti jew dik l-awtorità kompetenti għandha tilqa' l-ilment jekk il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu nġiebu dawk il-proċedimenti ma jġibx prova li hu ma wettaqx att illegali. |

25. Id-differenza għall-għanijiet ta' din il-kawża hi illi fl-ewwel verżjoni l-attriċi trid turi li l-konvenuta temmet l-ingaġġ tagħha "*minħabba* fis-sess … tagħha jew *minħabba* responsabbiltajiet li ġġib il-familja" waqt illi fit-tieni verżjoni hu biżżejjed illi turi "fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom". L-ewwel qorti qieset illi r-reg. 19 joħloq regola ta' proċedura u għalhekk huwa applikabbli minnufih. Din il-qorti iżda ma taqbilx illi r-regola hija biss waħda ta' proċedura, għax tolqot is-sustanza tal-prova li trid tinġieb u għalhekk tibdel il-pożizzjoni legali tal-partijiet u l-obbligazzjonjiet tagħhom lejn xulxin fiż-żmien relevanti. Għalhekk taqbel mal-attriċi illi l-art. 19 għandu jiġi applikat kif kien fiż-żmien relevanti (għalkemm verament jidher li t-tieni verżjoni hija aktar favorevoli għaliha).

26. Mela taħt l-art. 19 l-oneru huwa qabelxejn fuq l-attriċi illi turi illi t-temm tal-ingaġġ tagħha seħħ "minħabba fis-sess … tagħha jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja". L-ewwel qorti sabet illi "l-ewwel kweżit tal-artiklu 19 tal-Kap. 456 ma jirriżultax sodisfatt" u għalhekk *multo magis* kienet issib li ma ġiex sodisfatt taħt il-kondizzjonijiet kemmxejn aktar stretti tat-tieni verżjoni. Minkejja dan, iżda, l-ewwel qorti kompliet tgħid illi "hi l-fehma ta' din il-qorti li min-naħa tagħha s-soċjetà intimata issodisfat l-oneru tagħha naxxenti mill-istess artiklu 19 in diżamina billi ipprovat għas-sodisfazzjon tal-qorti li fl-aġir tagħha in diżamina ma jirriżultax li kien hemm id-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti".

27. Ukoll jekk tqis illi seta' kien hemm ċirkostanzi li lill-attriċi tawha x'tissuspetta illi t-terminazzjoni kienet għal raġuni illeċita, u għalhekk, bħall-ewwel qorti, tqis ukoll jekk lill-konvenuta seħħilhiex turi li r-raġunijiet kienu validi, din il-qorti, ukoll bħall-ewwel qorti, hija tal-fehma illi ntwera li t-tqala tal-attriċi ma kinitx ir-raġuni għat-terminazzjoni.

28. Il-qorti tibda billi tgħid illi tissimpatizza mal-attriċi meta din toġġezzjona għall-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi s-suspetti tal-attriċi nħolqu "min-ħabba l-maternità u minħabba l-perjodu sentimentalment iebes li kienet preċedentement għaddiet minnu minħabba d-dipartita tal-mamà tagħha", kemm għax il-kumment forsi juri nuqqas ta' sensitività u wkoll għax ma hux imsaħħaħ bi provi oġġettivi. Madankollu ma jistax ma jingħadx illi l-attriċi dehret sa minn qabel predisposta li taħseb li t-tqala kienet sejra jkollha effett fuq ir-relazzjoni tagħha mal-konvenuta, u għalhekk ħadet l-atteġġjament li qiegħda tieħu f'din il-kawża. Fil-fatt żewġ l-attriċi stess

stqarr illi malli ħarġet tqila martu "mill-ewwel" kienet qaltlu illi "issa li ħarġet tqila ma kinitx taħseb li s-soċjetà intimata kienet sejra żżommha fl-impieg li kellha magħha"[5]. Dan is-suspett inħoloq "mill-ewwel", u qabel ma nbdew in-negozjati mal-konvenuta xi xhur wara li l-attriċi ħarġet tqila. Dan ma jeskludix *ipso facto* li s-suspetti tal-attriċi setgħu kellhom mis-sewwa, iżda jitfa' dawl fuq l-interpretazzjoni illi l-attriċi tat lill-fatti li seħħew wara.

29. Jidher ukoll mill-*affidavit* tal-attriċi stess[6] illi n-negozjati dwar kuntratt ġdid wara dak tas-26 ta' Lulju 2007 kienu nbdew qabel ma għarrfet informal-ment lid-diriġenti tal-konvenuta dwar it-tqala tagħha, u ġà f'dan l-istadju kien hemm differenzi sostanzjali fil-fehmiet tal-partijiet dwar il-kondizz-jonijiet tal-kuntratt ġdid, u din ġà hija indikazzjoni li anke f'dan l-istadju kien hemm raġunijiet li ma kellhom xejn x'jaqsmu mat-tqala u li event-walment wasslu biex l-ingaġġ ma ġġeddidx.

30. Dan, fil-fehma tal-qorti, huwa konfermat bl-offerta magħmula mill-kon-venuta lill-attriċi fl-10 ta' Diċembru 2009, meta l-konvenuta kienet taf bit-tqala. Kif jixhed il-*memorandum*[7] mibgħut dakinhar lill-attriċi minn diriġent tal-konvenuta, il-konvenuta, għalkemm osservat illi l-kuntratt propost "*reflected company policy*", madankollu ddikjarat illi kienet "*able to accommodate certain of your requirements*", fosthom:

> »In relation to you informing us on the 5th of November of your pregnancy … … … we will be pleased to agree to your absenteeism from responsibilities to attend the office and would be pleased to discuss this with you in terms of the detail as you wish and as appropriate.

---

5 Xhieda ta' Pierre Ellul fis-seduta tad-29 ta' April 2014, *fol.* 46.

6 *Fol.* 50, para. 7 u 8.

7 *Foll.* 101 *et seqq*.

> »During your absence from the office *CHI* is pleased to confirm that we will make an *ex gratia* discretionary payment on the basis should you decide to continue with your present consultancy agreement.«

31. Dan juri illi t-tqala tal-attriċi ma kinitx sejra tkun ta' ostakolu. Il-konvenuta iżda baqgħet tinsisti dwar kondizzjonijiet oħra, partikolarment dwar ħlas u xogħol privat, li l-attriċi ma aċċettathomx, u kien dan li wassal biex ma ntlaħaq ebda ftehim.

32. Tassew illi l-attriċi ssemmi konverżazzjoni li kellha dak iż-żmien ma' Alfred Pisani, *chairman* mhux tal-bord tad-diretturi tal-konvenuta iżda tal-*Corinthia Group*, u tgħid illi dan qalilha:

> »… … … you see, again you are looking at it from your own selfish needs. How are you going to prioritise the company with a child? What are you going to do when you have your child? How are you going to juggle the company's needs, yourself and your child? You need to take a decision as to what you want.«[8]

33. Iċ-*chairman* jiċħad dan[9] u xehed ukoll illi d-deċiżjoni dwar il-kondizzjonijet tal-impieg ma ħadhiex hu.

34. Il-qorti temmen illi ċ-*chairman* ma kienx involut fid-deċiżjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attriċi u t-terminazzjoni tal-impieg; li kieku kien involut f'din il-materja kien x'aktarx ikun ingħata parir dwar is-sitwazzjoni legali ta' impjegata tqila u ma kienx sejjer jgħid dak il-kliem biex joħloq suspetti. Kif tgħid l-attriċi stess fir-rikors tal-appell, "hu minn ewl id-dinja illi ħadd ma jkun stupidu biżżejjed illi jikkreja … konverzazzjonijiet 'inkriminanti' biex iġib lilu nnifsu f'pożizzjoni li hemm prova illi t-tkeċċija seħħet minħabba t-tqala". Għalhekk, ukoll jekk tassew

8 *Fol.* 110.

9 Xhieda ta' Alfred Pisani fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014, *foll.* 135 *et seq.*

sar dak id-diskors, ma kienx waħda mill-konsiderazzjonijiet li wasslu biex intemmet ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenuta.

35. Barra minn hekk, ukoll jekk tassew kien hemm dak id-diskors, għandu jiftehem fil-kuntest tad-diskursata sħiħa bejn l-attriċi u ċ-*chairman* illi, kif tixhed l-attriċi stess fl-*affidavit* fuq imsemmi, matulha saru kummenti miċ-*chairman* dwar imġieba – fil-fehma tiegħu egoista – tal-attriċi f'okkażjonijiet preċedenti:

> »Let's face it, you have never really been part of corporate. You are selfish and have always put your needs before the company. Even when your mother was dying you took time off work to be with her yet went to play tennis. … … … Does it not concern you that persons say things about you … … … that you always put yourself first?«

36. Ukoll jekk dan il-kumment dwar egoiżmu ma kienx oġġettivament ġustifikat u msejjes fuq interpretazzjoni ħażina ta' ċerti fatti, juri illi l-preokkupazzjoni taċ-*chairman* kienet dwar dak li deherlu li kien l-atteġġjament tal-attriċi u mhux dwar it-tqala. F'kull każ, iżda, il-fehma tajba jew ħażina taċ-*chairman* ma kellhiex relevanza ladarba ma kienx involut fit-trattativi dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg u fid-deċiżjoni illi jintemm l-impieg, għax, kif rajna, kien hemm raġunijiet oħra – speċifikament in-nuqqas ta' ftehim dwar il-kondizzjonijiet – li wasslu biex ma sarx kuntratt ġdid mal-attriċi. Fil-fatt il-qorti temmen illi kien dan in-nuqqas ta' ftehim – u mhux xi nuqqas tal-attriċi, kif tallega wkoll il-konvenuta fit-tweġiba tagħha għall-appell – li wassal biex ir-relazzjoni ntemmet, għax il-konvenuta wriet li kienet disposta tkompli tingaġġa lill-attriċi li kieku setgħu waslu għal ftehim dwar il-kondizzjonijiet.

37. Fil-fehma tal-qorti għalhekk mhux biss ma ntweriex illi t-terminazzjoni ma seħħitx minħabba t-tqala jew ir-responsabbiltajiet tal-familja tal-attriċi iżda anzi ntwera illi seħħet minħabba raġunijiet tajba u biżżejjed, *viz.* illi ma ntlaħaqx ftehim dwar kondizzjonijiet ta' kuntratt ġdid wara li jintemm dak tas-26 ta' Lulju 2007.

38. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell.

39. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da